# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 7 ta’ Jannar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
**vs**
**Michelle Wilson**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Michelle Wilson, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 181172(M).

Akkuzata talli bejn is-16 u s-17 ta’ Gunju, 2005 f’Bormla ikkommettiet serq ta’ diversi oggetti tal-Hi-Fi u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u l-valur li ma’ jeccedix l-elf lira Maltin u li sar ghad-dannu ta’ Philip-Mario Chircop minn Bormla.

Akkuzata wkoll talli fil-granet ta’ qabel il-25 ta’ Gunju, 2005 f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg u cioe’ il-flus u l-oggetti imsemmija aktar’ ’il fuq, misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputata ammettiet l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet lill-ufficjal prosekutur jiddikjara li t-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisafacjentment pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li giet ammessa, l-Qorti ghalhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata, l-ammissjoni, id-dekors taz-zmien mid-data li fiha twettqu r-reati in ezami kif ukoll l-fatt li r-res furtiva kienet giet ritornata lill-parte civile li m'ghadx ghandu interess f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267 u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 ta'l-istess Kapitolu 9 l-Qorti qed tordna lill-imputata biex fi zmien sena thallas lir-Registrattur ta' din il-Qorti s-somma ta' tlett mija wiehed u sittin Euro u hames centezmi (€361.05) ekwivalenti ghal Lm155.65 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**